Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9343 — Hyundai Heavy Industries/Daewoo Shipbuilding & Marine Engineering)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 392/10)

1. Fit-12 ta' Novembru 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Hyundai Heavy Industries Co., Ltd ("HHI") (il-Korea),

— Daewoo Shipbuilding & Marine Engineering Co., Ltd ("DSME") (il-Korea), ikkontrollata mill-Korea Development Bank ("KDB").

HHI takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll uniku ta' DSME.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— HHI: kumpanija Korejana prinċipalment attiva fil-kostruzzjoni ta' bastimenti kummerċjali, inklużi tankers taż-żejt, bastimenti li jġorru l-containers, bastimenti li jġorru l-gass naturali likwifikat (liquefied natural gas, "LNG") u bastiment li jġorru l-gass likwifikat miż-żejt (liquefied petroleum gas, "LPG"), batimenti militari, u faċilitajiet fuq il-baħar u l-produzzjoni ta' magni marittimi.

— DSME: kumpanija Korejana prinċiplament attiva fil-kostruzzjoni ta' bastimenti kummerċjali inklużi tankers taż-żejt, bastimenti li jġorru l-containers, bastimenti li jġorru l-gass naturali likwifikat ("LNG") u bastimenti li jġorru l-gass likwifikat miż-żejt ("LPG") u faċilitajiet fuq il-baħar.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9343 — Hyundai Heavy Industries/Daewoo Shipbuilding & Marine Engineering.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email:COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks+32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").